Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

Il- Ġimgħa 9 ta' Jannar 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.12pm

## 20.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

20.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

20.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Dsatax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

20.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 20.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

20.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li b'rabta ma' fondi maħruġa mir- Reġjun Punent, inxtraw 8 waste seperation bins biex jissostitwixxu dawk mkissrin madwar l-lokalita' ta' L-Mdina.

20.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li b'rabta mal-ftehim ma' Infrastructure Malta li kien sar fil-2021 biex jinbidel il- pavimentar ġewwa l-Mdina sa fl-aħħar, ser jibdew nhar it- 2 ta' Frar 2026. Dan il-proġett ser jinqasam fi fazijiet biex ma jkunx hemm inkonvenjenza zejda ġewwa l-Mdina. L-ewwel fazi ser tibda minn fejn il-Kunsill sal-kantuniera ma' l-Għassa tal-Pulizija u x-xogħol ser jieħu madwar tlett ġimgħat. La darba titlesta l-ewwel fazi skond kif x-xogħolijiet jevolvu, jibda l-proċess ta' tlestija tat-tieni fazi li tkopri Pjazza San Publiju.

## 20.4 Budget 2026 - Approvazzjoni

20.4.1 Il-Bagit għas-sena finanzjarja 2026 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (mehmuż) għal approvazzjoni. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

20.4.2 Il-Kunsill approva l-baġit għas-sena 2026

## 20.5 Performance Bonus għas-Sena 2025 tas- Segretarju Ezekuttiv

20.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2025 fir-rigward tas- Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill ddiskuta r-rapport tas-Segretarju. F'dan il-ħin is- SE kien skuzat mill-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Is- Sindku nforma lis- SE illi l-Kunsill approva performance bonus ta' 10%.

**20.6 Estensjoni tal-Kuntratt MLC04-2024**

20.6.1 Fuq talba tal-kuntrattur ingarigat mill-manifattura u installazjoni ta' fencing f' Howard Gardens liema kuntratt għalaq fl-aħħar ta' Novembru 2025, il- Kunsill ġie mitlub biex jestendi l-kuntratt MLC04-2024 bi tlett xhur sa l-aħħar ta' Frar minħabba xi bdil fil-pjanti.

20.6.2 Il-Kunsill wara li ħa kunjizzjoni ta' din it-talba, approva li dan il-kuntratt jiġi estiz sa l-aħħar ta' Frar 2026.

**20.7 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

20.7.1 AKL- Polza ta' assigurazzjoni tas- saħħa 2026. Il-Kunsill ser jipparteċipa f'din l-assigurazzjoni.

20.7.2 C. Scicluna- Talba biex ċerimonja ta' zwieġ civili ssrir ġewwa s- sala tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

20.7.3 D. Borg- Talba biex ssir laqgħa dwar il-Proġett Classic Mdina ġewwa il-Knisja tal-Karmnu b'kollaborazzjoni ma' Regjun Punent.

20.7.4 Victim Support Agency- Laqgħat ta' Informazzjoni. Il-Kunsill ha kunjizjoni tagħha..

**20.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

20.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 9 ta' Jannar 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 39,575.45

20.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**20.9 Tmiem tal- Laqgħa**

20.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 15.43am u ġiet aġġornata għad-23 ta' Frar 2026 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___23 ta' Frar 2026__